MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 371/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dennis Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dennis Farrugia  talli fl-1 ta' Awissu 2006 ghall-habta tat-8.00 a.m. fir-residenza 'Lordan Hse', Triq Bugharbiel, Zejtun:

(1) Insulenta u hedded bi kliem lil martu Lorraine Farrugia;

(2) Hebb ghal martu Lorraine Farrugia u bintu Graziana Farrugia ta' 12 il-sena u nofs;

(3) Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ martu Lorraine Farrugia u bintu Graziana Farrugia skond ma gie ccertifikat minn Dr. David Cefai MD miz-Zejtun Health Centre;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d)(e), 221(3)(b) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Dennis Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien xahrejn (2);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Dennis Farrugia pprezentat fl-20 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull hitja u piena, u f’kaz ta’ konfema, tibdilha dwar il-piena, billi taghti wahda li aktar taghmel ghall-kaz u ghac-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Dwar it-theddid u l-insulti, jghid li meta ra l-attitudni ta’ martu uza kliem iebes bl-istess mod li kien qed jircievi insulti u tghajjir izda ma kellu ghalfejn jhedded lil hadd. Jirreferi ghall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Tanti** tal-5 ta’ Mejju 2005 fejn intqal li meta jkun hemm id-dissidji bejn il-mizzewgin ma jkunx hemm kliem ta’ namur. F’dan il-kaz l-aggressivita` kienet gejja mill-mara u t-tifla; (2) Dwar hebb jghid li jekk tirrizulta din l-imputazzjoni hi certament kompriza u involuta fit-tielet imputazzjoni. Izda hu jsostni li ma kienx hu li hebb ghal martu u ghal bintu; kienu huma li appena qam marru halli jirrambawh ghaliex kien qed jindahal lit-tifla. Persuna li jkun hemm hebb u aggressivita` kontra taghha, ma jistax jinghad li qed thebb

hi; (3) Dwar il-feriti jghid li t-tabib stess qal li kienu ta' ftit kont; li kien hemm legittima difesa; li jekk l-agir tieghu ma jammontax ghal legittima difesa, certament agixxa taht provokazzjoni; (4) Dak li seta' jinkwadra f'dan il-kaz rigward it-tifla hija l-kontravvenzjoni li l-missier ecceda fit-twiddib skond l-artikolu 339(h) tal-Kodici Kriminali; (5) Huwa sofra wkoll u gie msawwat izda ma marx jirrapporta l-ghassa ghax kienu jiddiehku bih.

Mix-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jemergu dawn il-fatti:

**Lorraine Farrugia** xehdet illi lejliet il-gurnata in kwistjoni, it-tifla taghhom talbet lill-appellant missierha permess biex tibqa' barra fil-*playground* vicin taghhom sa l-10.00 p.m. minflok sad-9.30 p.m. izda ma tahiex permess, kif l-anqas ma taha permess biex toqghod max-xhud fuq it-targa. L-ghada filghodu x-xhud baghtet lit-tifla tqajjem lill-appellant, x'hin marret hdejh qallha tmur fil-kcina biex ikellimha, it-tifla qaltlu *"Mela ommi ma tikkmandax?"* huwa gera warajha, hi tghajjat ghall-ghajjut u beda jtiha fuq ghonqha. Ix-xhud qalet li mbuttathu u telghet tigri fil-*washroom* ghax sakkarha bejn il-mejjilla u l-bieb tal-bejt. Ix-xhud qalet li lilha ried jaqlaghlha ghajnejha u kellimha hazin. Cemplu l-179. Ix-xhud spjegat li l-appellant pprova jtiha bil-ponn f'ghajnjeha izda hi ccaqilqet u hadha go mohhha. Mistoqsija mill-Qorti jekk ratx lill-appellant jaghti lit-tifla, ix-xhud wiegbet li semghetha twerzaq, telqet tigri u x'hin waslet hdejhom sabitu jtiha. Lix-xhud insulentaha u qal kliem hazin.

**Graziana Farrugia** xehdet illi fl-1 ta' Awissu ghall-habta tat-8.00 a.m. marret tqajjem lill-appellant missierha biex jiehu l-kafe' Huwa qallha tmur fil-kcina ghax ried ikellimha. Qallha li ma ridhiex tohrog fejn il-bieb filghaxija. Hija wegbitu li jkun hemm ommha izda hu qallha li ommha tinzel u hi titla'. *"Ghidtlu mela ommi mhux ukoll tikkmanda, u qam biex itini."* Harbet, baqghet tiela' fil-*washroom* fejn l-appellant beda jtiha bil-ponn go ghonqha u kienet se tirremetti. Wara nizel u ommha baqghet hdejha. Kif nizlu, lil ommha ried jaqlaghlha ghajnejha, bed ajghajjarha d… u z… u jkellimha bi kliem mhux xieraq. In kontro-ezami qalet

li hija dejjem marret id-dar fil-hin li qallha missierha. Meta marret tqajmu ma marritx targumenta mieghu u hi ma ghollietx lehinha mieghu. Meta talbitu toqghod sa l-10.00 p.m. dan kien biex toqghod hdejn ommha. Wara l-incident marret ghand it-tabib. Kellha daqqa, tbengila zghira, fuq ghonqha.

**Dr. David Cefai** kkonferma li lil Lorraine u Graziana Farrugia jafhom. Fl-1 ta’ Awissu kien invistahom. Lorraine Farrugia qaltlu li kienet ddefendiet lil bintha milli tigi msawta minn missierha. Kellha daqiiet fuq diversi partijiet ta’ gisimha u kienetq ed tbati minn ansjeta`. Kellha tbengila fuq spellejha tal-lemin u barxa fuq ix-xellug ta’ rasha. Graziana Farrugia qaltlu li kienet giet imsawta minn missierha u kienet hadet daqqiet fuq daharha, fuq ghonqha u fuq in-naha tal-lemin ta’ spallejha. Mistoqsi mid-difensur ta’ l-apepllant jekk il-feriti li semma’ kinux hfief u ta’ ftit kont, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

**Dennis Farrugia, l-appellant,** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni huwa qam fit-8.00 a.m., ghajjat lit-tifla u qallha biex toqghod bilqieghda u  qallha li hafrilha ghax kienet marritlu tard. Skond ix-xhud, hu kien qallha tigi fl-10. 00 p.m. u minflok marret fil-11.00 p.m. Qaltlu li hi tidhol x’hin jidhlu shabha. Ommha qaltlu biex terhilha, imbaghad li jekk tohrog jekk jista’ jkun maghha. It-tifla qaltlu li  mhux ommha responsabbli izda hi. Ix-xhud qal li kien tela’ fil-gnien fejn kienet tmur it-tifla u kien raha siringi gol-hamrija u sigaretti tal-brim. Cahad li taha fuq ghonqha. Qal li martu nsulentatu u wara li nsulentaha hija tatu hames daqqiet f’dahru u hamsa f’sidru. Ma marx jaghmel rapport lill-Pulizija ghax ma kinux jemmnuh. Lit-tifla taha daqqa fuq saqajha. Lill-mara tieghu veru li qallha l-kliem d… u z… Lil martu hu ma tahiex. Skond ix-xhud, ic-certifikati tat-tabib huma foloz

L-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu rrefera ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Tanti** moghtija fil-5 ta’ Mejju 2005. Huwa opportun li ssir referenza ghas-segwenti bran f’dik is-sentenza:

**"Huwa lecitu ghall-parti fiz-zwieg li tkun qed issofri mill-'giusto dolore' ghax forsi thoss li qed tigi traduta, li taghmel lanjanza mal-parti l-ohra dwar dan, purche` li dan isir minghajr ghajjat, minghajr theddid jew agir aggressiv jew vjolenti iehor."**

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li meta gara l-incident l-appellant u martu kienu fi process ta' separazzjoni, izda certament dak li ntqal fl-imsemmi bran japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. Il-korrezzjoni tat-tfal m'ghandhiex ghalfejn issir bl-ghajjat, bit-theddid jew bl-agir aggressiv jew vjolenti. Dan qieghed jinghad peress illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju mix-xiehda li semghet li l-appellant agixxa b'mod aggressiv primarjament fil-konfront ta' bintu. Difatti, fl-affidavit ta' W.P.C. 124 C. Bugeja, din ix-xhud tghid li meta l-Pulizija kellmu lill-appellant *"<u>huwa ammetta li kien refa' idejh</u> fuq bintu fejn huwa qal li ghamel dan ghaliex ma jittollerax lil bintu kellha tghajjat mieghu bl-arroganza, meta dan kien qieghed jigbdilha l-attenzjoni biex ma ddumx ma tidhol id-dar u dan ghamlu bhala dmir ta' missier"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-dmir tal-missier huwa li jikkorregi minghajr il-htiega li dik il-korrezzjoni tiddegenera f'atti li jweggghu. Il-fatt li l-appellant kien imwegga' bl-agir ta' bintu, mhix raguni biex hu jerfa' jdejh fuqha. Mhuwiex inverosimili li huwa qala' daqqiet fuq dahru u fuq sidru izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn x'izommu milli jmur hu wkoll ghand it-tabib u jaghmel rapport lill-Pulizija. Jghid li martu nsulentatu izda ma jghidx x'qaltlu. Dak li huwa zgur hu li dan kien incident domestiku bl-involviment <u>attiv</u> tat-tliet persuni msemmija – l-appellant, martu u binthom – u li kiber *out of proportion*.

Fil-konsiderazzjoni dwar il-piena, irid jittiehed kont tal-fatt li ma jirrizultax li huwa hedded lil martu kif gie in parte akkuzat permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, li t-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tielet imputazzjoni, u li l-offizi, kif stqarr Dr. David Cefai, huma ta' natura hafifa <u>u ta' ftit kont</u>. Barra minn hekk, mill-fedina penali ta' l-appellant jirrizultaw biss zewg kazijiet ta' ksur tal-ligijiet tat-traffiku fl-1985 u fl-1988. F'dawn ic-cirkostanzi huwa aktar opportun li, minflok piena ta'

xahrejn detenzjoni, l-appellant ikollu zmien twil ta' riflessjoni fejn ikun jista' jqis sew l-agir tieghu u jassigura ruhu li ma jergax jikkommetti reati ohra simili u mhux.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi, kwantu ghall-ewwel imputazzjoni tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' theddid u minnha tilliberah izda tikkonfermaha in kwantu sabitu hati li nsulenta bil-kliem lil martu Lorraine Farrugia, kwantu ghat-tieni imputazzjoni tiddikjara din l-imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni, u kwantu ghat-tielet imputazzjoni tiddikjara li l-offizi huma ta' natura hafifa u ta' ftit kont, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni (*conditional discharge*) li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant, a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446, bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------